MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 1249/1992/1

**Iris Cassar mart Michael u l-istess Michael Cassar f'ismu u
bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti**

**v.**

**Francis Gauci**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fl-24 ta' Settembru 1992, li taqra hekk:
"Peress li minhabba imprudenza, negligenza, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u tar-regoli ta' komportament

mistenni da parti tal-konvenut u dan b'dannu tal-atturi, gew kagunati danni meta fil-21 ta' Lulju, 1990, waqa soffitt fil-hanut Save-on f'Paola, li ghalih hu responsabbli l-istess attur;

"Peress li dawn id-danni, kemm bhal danni emergenti u kemm bhala lucrum cessans, jikkonsistu hsara permanenti li sofriet l-attrici Iris, u l-ispejjez minnha inkorsi f'kuri u nuqqas ta' kapacita ghax-xoghol, u fil-fatt ghadha tbati minn disabilita permanenti;

"Peress li minkejja kull interpellazzjoni, ma kienx hemm risarciment mill-konvenut;

"Jinghad, ghalhekk, mill-konvenut ghala din il-Qorti m'ghandhiex:

"1. tiddikjara lill-istess konvenut responsabbli tad-danni sofferti mill-atturi meta fil-21 ta' Lulju 1990, waqa soffit fil-hanut Save-on f'Paola, li ghalih hu responsabbli l-istess attur;
"2. tillikwida d-danni kagunati, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi;
"3. tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tad-danni hekk likwidati;

"Bl-ispejjez kontra l-konvenut bl-ingunzjoni minn issa ghas-subizzjoni; inkluz l-ispejjez ohra fosthom dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Lulju, 1992;"

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:
"1. Illi fl-ewwel lok l-eccipjenti ma hu bl-ebda mod responsabbli ghad-danni li sofriet Iris Cassar;
"2. Illi konsegwentement m'hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attrici;

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri;"

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Marzu, 2011, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:

"… … … il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut tilqa' it-talbiet attrici kif dedotti, b'dan illi ghall-fini tat-tieni talba tillikwida d-danni kagunati fis-somma ta' erbghin elf seba' mija u tletin ewro u tlieta u sittin centezmu (€40,730.63) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma hekk likwidata ta' erbghin elf seba' mija u tletin ewro u tlieta u sittin centezmu (€40,730.63) in linea ta' danni sofferti minnhom b'rizultat tal-incident li sehh fil-21 ta' Lulju 1990 fil-hanut Save-On f'Rahal Gdid; Bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghax kontra l-konvenut."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi l-espert mediku is-Sur Frederick Zammit Maempel wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet fir-rapport tieghu :

"Is-Sinjura Cassar garbet ksur serju fiz-zewg riglejn. Dan ghaqad sewwa u fortunatament ghaliha, qsaru z-zewg riglejn bl-istess ammont. Hija baqghet b'ebbusijja fl-ghaksa leminija u xi ftit ebbusijja fl-ingropp tax-xellug. Dawn itelfuha meta tigi biex timxi maghagla jew ghat-tul, u jistghu jugew fil-ksieh jew wara zmien twil ta' waqfien. Cassar ghandha dizabilita permanenti stmata ta' 12% (tnax fil-mija)."

"Illi l-Qorti rat il-kunsiderazzjonijiet peritali u il-konkluzjoni illi ghaliha wasal l-espert psikjatra Dr Joseph Pisani:

"Mill-fatti klinici, fuq esposti, li kkonstajtajt mill-ezami psikjatriku u minn informazzjoni rilevanti ta' xhieda, migbura fil-process, ma jhalli ebda dubbju li l-attrici Iris Cassar, akkawza tal-incident tas-"Save-On Supermarket", li fih kienet involuta u li kkaguna l-mewt ta' bintha; din sofriet hsara fizika, li skontl-Ortopediku Dottor Frederick Maempel MD., FRCS., hija wahda ta' natura permanenti u sofriet ukoll trawma psikika li l-konsegwenzi taghha ghadhom prezenti sallum.

"Infatti, l-attrici kienet dahlet go fazi akuta ta' stat mentali kkaratterizzat minn dwejjaq kbar, li damu oltre l-perijodu li wiehed jikkunsidra bhala reazzjoni normali taht ic-

cirkostanzi; qtugh ta' nofs, dardir, nuqqas ta' irqad u ta' apptit u disfunzjoni intestinali. Barra minn hekk, hija tilfet l-interess fil-hajja in generali, li l-attrici haset li kienet tbiddlet radikalment. Attivitajiet, li qabel l-incident, kienet taghmilhom facilment u jtuha sodisfazzjon, issa tilfu dan l-element ghal kollox u ma tridx taf bihom izjed. Sahansittra anke r-relazzjonijiet konjugali tbiddlu billi l-attrici tilfet l-kwalunkwe hajra ghal relazzjonijiet sesswali. Barra minn dawn is-sintomi, li skont l-attrici ghalkemm mhux akuti bhal ma kienu fil-bidu, ghadhom prezenti sallum, hemm dak, li l-memorja rikorrenti tat-telfa ta' bintha, taht ic-cirkostanzi li grat, jirrijattivawlha is-sintomi akuti kollha, li hasset dak iz-zmien, minkejja li ma qatet qatt mill-kura tal-pilloli.

"Ta' min jinnota wkoll fil-kaz taht ezami, illi l-attrici gie li kienet issofri minn attakki ta' depressjoni anke qabel ma gralha l-incident. Infatti, kien hemm zmien meta l-kondizzjoni depressiva kienet serja bizzejjed biex il-konsulent, hass li ghandu jammettiha l-isptar u jippreskrivilha l-elettroxokk. Dan juri li l-attrici diga kellha resistenza psikika baxxa u ghalhekk l-istress jeffettwaha aktar minn haddiehor.

"F'dan il-kaz, pero`, wiehed irid jikkunsidra wkoll li l-attrici, akkawza tal-incident, giet esposta ghal stress, li jmur il-hinn mill-limiti tal-esperjenzi komuni; bhal ma kienu il-kollass ta' bini u l-mewt, imhabba fih ta' membru ghaziz ghaliha. Barra minn hekk, l-incident kien ukoll kagun ta' minaccja serja ghall-hajjitha u ghall-integrita` fisika taghha.

"Ghaldaqstant, jiena tal-opinjoni li l-attrici sofriet u ghadha issofri ghalkemm mhux fl-istess grad ta' qabel, minn Depressjoni assocjata ma' kondizzjoni ta' stress post-trawmatiku li generalment jassumu kors kliniku kroniku u, kultant, anke permanenti. Jiena nistma li l-attrici sofriet hsara psikika ta' ghaxra fil-mija."

"Illi l-Qorti rat illi l-espert tekniku minnha innominat il-Perit Joseph Ellul Vincenti wasal ghas-segwenti konsiderazzjonijiet :

"Is-sottoskritt jghid, kif fil-fatt gia ntqal, li l-konkluzjonijiet li wasal ghalihom huma ibbazati fuq xhieda u ritratti u sketches prodotti waqt ix-xhieda u mhux fuq fatti li hu ra jew kejjel hu stess. Dan hu dovut ghall-fatt li meta hu gie moghti l-inkarigu, il-fond mertu ta' din il-kawza kien ilu li gie mwaqqa kompletament u s-site ikklerjata.

"Kif deskritt tajjeb kemm mill-Professur Carmelo Pule` kif ukoll mill-Perit Richard Aquilina, kif ukoll mix-xhieda tal-istess konvenut, jirrizulta illi s-Save-On Supermarket kien jikkonsisti fi tlett stores hdejn xulxin u jinfdu ma xulxin. L-ewwel tnejn kienu ghoxrin filati gholi u dawn gew maqsuma b'raff ta' gholi ghaxar filati minn taht is-saqaf u disa' filati u nofs taht ir-raff.

"It-tqassim, konstruzjoni u disinn kif sar dan ir-raff jidher tajjeb minn Dok FG/1, FG/2, FG/3 u FG/4 esebiti mill-konvenut u hawn attacjati ma din ir-relazzjoni.

"Dok JEV/1, JEN/2 u JEV/3 juru l-kostruzzjoni ta' dan ir-raff u xkaffar b'aktar dettal. Dawn ukoll gew esebiti mill-konvenut.

"Jirrizulta mix-xhieda kemm tal-Professur Carmelo Pule`, tal-Perit Richard Aquilina kif ukoll minnn dik tal-konvenut illi raff inbena fuq hollow sections ta' pulzier u nofs b'pulzier u nofs vertikali li fuqhom kienu jserhu u gew iwweldjati hollow sections ohra orizontali ta' tlett pulzieri b'pulzier u nofs sections.

"Jirrizulta wkoll illi mal-hollow sections vertikali kien hemm xkafef mwahhhlin maghhom (Ara Dok JEV/3).

"Jirrizulta mix-xhieda tal-Professur Carmelo Pule` illi :

1. "Xi xkafef kienu marbutin u mdendlin b'wires iggalvanizzati mis-saqaf tas-supermarket.
2. "It-travi orizontali ma kienux ingastati fil-hajt u lanqas il-vertikali ma kienu ingastati fl-art.
3. "L-art tar-raff kienet tac-chipboard li kien iserrah fuq strixxa injam imwahhla mal-hajt.

“Il-Perit Aquilina fir-rapport tieghu fix-xhieda tieghu gibed l-attenzjoni tal-Qorti :

1. “Lis-saqajn li kienu jmissu mal-hajt, kienu mizmuma ma l-istess hajt permezz ta’ viti bil-kavilji tal-plastic u hafna minnhom kienu fil-fil u ghalhekk huma ineffettivi.
2. “Illi c-chipboard, ir-ras taghha kienet isserah fuq bicciet tal-injam imwahhla mal-hajt.
3. “Merkanzija li kienet tigi storjata fuq ir-raff tvarja u kienet tasal sas-saqaf tar-raff.
4. “Xi racks kienu mdendlin bil-fildiferru mis-saqaf.
5. “L-merkanzija ta’ fuq ir-raff kienet fil-parti l-kbira fuq l-art tar-raff u mhux fuq l-ixkaffef mwahhla mal-hajt.

“Mix-xhieda ta’ l-istess konvenut gie ikkonfermat dak li qalu il-Professur Carmelo Pule` u il-Perit Richard Aquilina ghal dak li hu metodu kif gie mibni r-raff u xkafef ta’ fuqu u tahtu.

“Il-konvenut iddikjara illi d-disinn ta’ dan ir-raff kif ukoll il-qisien tat-travi orizontali kif ukoll dak vertikali, gie iddisinjat minnu peress li qal li hu kellu esperjenza bizzejjed u ma talab ebda informazzjoni jew ghajnuna minn nies kwalifikati f’dan il-qasam.

“Il-konvenut semma l-probabilita li dak li gara kien rizultat ta’ kollass tad-ducting tal-air conditioner u mhux ta’ disinn hazing tar-raff. B’dana kollu ma ressaq ebda evidenza jew xi hjiel iehor li dak li gara kien rizultat ta’ kollass tal-air conditioner ducting.

“Illi l-Perit Tekniku wasal ghas-segwenti konkluzjoni :

“Il-pis li r-raff qed jerfa kien qed jigi mirfud minn saqajn hollow section, pulzier u nofs b’pulzier u nofs. Dawn is-saqajn minbarra l-pis tar-raffr kienu qed igorru ukoll il-pis tal-ixkaffef horizontali.

“Jirrizulta wkoll li dan ir-raff kien mobbi sew bil-merkanzija, tant li l-merkanziija kienet tasal il-bicca l-kbira fuq l-art tar-raff u mhux fuq l-ixkaffef imwahhla mall-hajt tant li kif qal l-Professur Carmelo Pule` it-travi horizontali issagjaw u cedew filwaqt li s-saqajn (hollow setions) tghawwgu u cedew taht il-pis li tiehgu gew suggetti.

“Failure ta’ din in-natura turi bic-car li raff ma kienx iddisenjat professjonalment u t-travi u saqajn cedew taht il-pis ta’ fuqhom.

“Ta’ min hawn jghid li meta struttura tigi iddisinjata professjonalment dan jiddisenja mhux biss ghal pis li jkun previst izda jkun irid ikoll “a factor of safety” kbira bizzejjed biex dan jiehu hsieb ghal kwalunkwe eventwalita li tista tinqala.   Dan jidher li ma sarx bir-rizultat fatali.

“Is-sottoskritt hu tal-opinjoni li f’kaz bhal dan fejn kien sejjer jitghabba hafna merkanzija tqila fuq raff, id-disinji tal-hadid ta’ dan ir-raff kellu jigu mahdum minn nies kwalifikati ghal dan ix-xoghol.   Fil-fatt id-disinn sar mill-konvenut innifsu, li ma kellu ebda kwalifikil li jintitolawh biex jaghmel xoghol ta’ struttura ta’ din in-natura.

“Jirrizulta li l-konvenut dan ma ghamlux, u bena r-raff skont kif deherlu hu, peress li haseb li ghandu l-esperjenza u kwalifiki necessarji u b’dan l-ghemil dahal responsabbli ghal dak li jista jigri u li fil-fatt gara fil-hanut Save On Supermarket nhar il-21 ta’ Lulju, 1990.”

“Illi l-Qorti rat ukoll il-konsiderazzjonijiet fattwali li waslet ghalihom il-Perit Legali Dr Charmaine Galea.

“Illi jirrizulta bhala fatt illi fil-21 ta’ Lulju 1992 sehh incident fatali fis-supermarket “Save-On”, Sir Paul Boffa Avenue, Rahal Gdid.

“Illi fost il-persuni li sfaw vittma ta’ dan l-incident kien hemm l-attrici u t-tifla taghha li dak il-hin kienu qed jixtru mill-imsemmi supermarket.

“Illi sfortunatament it-tifla tal-attrici tilfet hajjitha fl-istess incident filwaqt li l-attrici sofriet minn dizabbilita` permanenti kemm fizika u kemm psikologika. Illi dwar id-dizabilita permanenti gew ipprezentati zewg rapporti li ma gew bl-ebda mod ikkontestati.

“Illi wara li saret talba mill-Perit Legali ta’ dak iz-zmien, Dr. Deborah Farrugia, dina l-Onorabbli Qorti ghogobha tinnomina lill-Perit u Inginier Civili Joseph Ellul Vincenti biex jassisti lill-Perit Legali fl-aspetti teknici tal-kawza. Illi l-Perit Tekniku fir-rapport tieghu irrileva li fiz-zmien meta hu gie nominat il-bini maghruf bhala Save-On Supermarket f’Rahal Gdid kien gia’ mwaqqa/alternat b’tali mod li ma kien baqa’ xejn li seta’ jghinu biex jasal ghal xi decizjoni dwar x’kienu l-fatturi li wasslu ghall-kollass tal-ixkaffar u raff dakinhar tal-incident de quo.

“Madankollu hu kien f’posizzjoni li jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu abbazi tax-xhieda ipprezentata waqt is-seduti, minn sketches/ritratti li gew ipprezentanti mill-konvenut waqt ix-xhieda tieghu, u kif ukoll mix-xhieda tal-Professur Carmelo Pule` u l-Perit Richard Aquilina.

“Illi l-Perit Joseph Ellul Vincenti wasal ghall-konkluzjoni illi rrizulta li r-raff in kwistjoni kien mghobbi sew bil-merkanzija, tant li l-merkanzija kienet tasal il-bicca l-kbira fuq l-art tar-raff u mhux fuq l-ixkaffef imwahhla mal-hajt tant li kif giet stabbilit mill-Professur Carmelo Pule` it-travi orizzontali issagjaw u cedew filwaqt li s-saqajn (hollow sections) tghawwgu u cedew taht il-piz li tieghu gew suggetti. Skont l-istess Perit failure ta’ din in-natura turi bic-car li r-raff ma kienx iddisinjat professjonalment u t-travi u s-saqajn cedw taht il-piz ta’ fuqhom.

“L-istess Perit kompla jghid illi meta struttura tigi ddisinjata professjonalment wiehed jiddisinja mhux biss ghall-piz li jkun previst izda jkun irid ikollu “a factor of safety” kbira bizzejjed biex dan jiehu hsieb ghal kwalunkwe eventwalita` li tista’ tinqala’. Dan jidher li ma sarx bir-rizultat fatali.

"Il-Perit Tekniku kompla jghid illi f'kaz bhal dan id-disinn tal-hadid kellu jigi mahdum minn nies kwalifikati ghal dan ix-xoghol u mhux isir mill-konvenut innifsu li ma kellu ebda kwalifiki li jintitolawh biex jaghmel xoghol ta' struttura ta' din in-natura.

"**<u>Kunsiderazzjonijiet Legali</u>**

"L-indagini li trid issir fil-kaz odjern hi dik li jigi stabbilit jekk il-konvenut ghandux jirrispondi ghall-hsara subita mill-attrici.

"L-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili jippreciza li ***"kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu."***

"Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extra-kontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali *in subjecta materia*, u tenuncja l-principju in virtu ta' liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu.

"Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew kulpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diligenza u nuqqas ta' hsieb tal-*bonus paterfamilias* [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi *in criminalibus* ghan-nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali.

"Jidhru, imbaghad, skont id-duttrina legali illi jezistu kriterji ohra li jaghmlu riferiment ghall-element tar-riskju. Jekk il-kolpa tikkostitwixxi l-element karatterizzanti ta' l-illecitu, huma rikonoxxuti u accettati wkoll aspetti ta' responsabilita` specjali in rigward ghall-evitabilita` tal-hsara. Jinghad a propositu fid-decizjoni fl-ismijiet "**Annunziato D'Amato *et* –vs- Joseph Camilleri *et*"**, Appell Civili, 3 ta' Marzu 1958 illi "***meta l-att li kkaguna d-danni kien jikkonsisti fil-manegg ta' haga perikoluza,***

***ir-responsabilita` ta' min ghamel dak l-att hija assoluta; u min irid jehles minn dik ir-responsabilita` hu tenut jipprova, jew il-fatt tat-terz jew il-vis major".***

"Illi fil-kaz in ezami il-Perit Tekniku ikkonkluda li l-kawza tal-incident kienet l-ippjanar hazin tar-raff. Illi ghalhekk fil-fehma tal-esponenti, ghall-akkadut m'hu hadd responsabbli hlief il-konvenut innifsu li stqarr f'dawn il-proceduri li kien ippjanta u ghamel hu stess l-istess raff: ***"Jiena kont bnejt l-istruttura ta' Save-On xi 1988 jew 1989. Jiena ma kellix perit jew xi hadd jghini fil-bini. Bnejt bil-hadid."*** Illi il-fehma tal-esponent hija wkoll rassodata mix-xhieda ta' Janice Mizzi li kienet impjegata mal-konvenut fl-istess supermarket. Fix-xhieda taghha l-imsemmija xhud tistqarr li hi kienet ilha tahdem fis-supermarket minn Dicembru ta' qabel l-incident u xi xahar u nofs wara li bdiet tahdem kienet tisma` s-saqaf izaqzaq. Fil-fatt il-konvenut kien qalilha biex la hi u lanqas haddiehor ma jitla' fuq l-ixkafef. Qalet ***"Fil-fatt l-incident konna qed nistennewh isehh u darba naf ukoll li gbidt l-attenzjoni tal-konvenut ghall-hsejjes li kont nisma'".*** Xhieda din li bl-ebda mod ma giet ikkontestata.

"Illi ghalhekk mhux biss il-konvenut kien ippjanta r-raff minghajr ebda parir professjonali, imma talli injora l-avvertimenti li kienet issenjalatlu impjegata dwar il-hsejjes li kienu jinstemghu minn gol-hanut. U dan l-agir jirraffigura perefettament mal-kolpa akwiljana stante li kif insibu fil-gurisprudenza nostrana ***"Hu in kolpa min ma juzax il-prudenza, diligenza, u attenzjoni ta' bonus paterfamilias abbinat ma' ksur ta' xi dmir impost mil-ligi."***[1]

"Illi stabbilita r-responsabbilita` tal-konvenut ghall-akkadut, imiss issa li jigu kkwantifikati d-danni subiti mill-attrici.

"Illi l-attrici qieghdha titlob likwidazzjoni kemm tad-*damnum emergens* u kif ukoll *lucrum cessans* bhala rizultat dirett tal-incident *de quo.*

[1] Paul Camilleri noe vs Michael Grech, Appell Civili, 8 ta' April 1991

"Illi fiz-zmien li sehh l-incident l-attrici kellha 45 sena u kienet mara tad-dar.

"***<u>Damnum emergens</u>***

"Illi fir-rigward ta' likwidazzjoni *damnum emergens* l-attrici pproduciet lista ta' medicinali li hija bdiet tiehu wara l-incident *de quo*.[2] L-attrici spjegat illi l-unika pilloli li hi tixtri prezentement mil-lista esebita Dok XYZ hija l-pillola Tranxene. Fir-rigward tal-pilloli l-ohra tispjega illi damet tixtrihom ghal madwar sentejn sakemm bdiet tohodhom b'xejn mill-Isptar ad eccezzjoni tal-pilloli Apresolina u Totamol Wong li damet tixtrihom biss ghal tlett xhur qabel ma bdiet tohodhom b'xejn mill-Isptar.

"Illi ghaldaqstant l-esponenti hejjiet is-segwenti tabella li tirrifletti l-kwantifikazzjoni sa din is-sena tal-ispejjez medicinali u cioe:-

| **Tip ta' Pilloli** | **Doza** | **€** | **Numru ta' xhur/snin kemm damet tixtrihom** | **Total L** |
|---|---|---|---|---|
| Stelazine | 1 | 35@Lm1.35 | 2 years | Lm 28. |
| Tranxene | 1 | 30@ Lm0.86c8 | To date | Lm200 |
| Anafranil | 2 | 30 @ Lm0.90c8 | 2 years | Lm45.5 |
| Apresolin | 4 | 100 @ Lm3.12c6 | 3 months | Lm11.3 |
| Totamol | 1 | 28 @ Lm3.32 | 3 months | Lm10.7 |
| **Total** | | | | **Lm296 c9** |

"Illi ghalkemm l-attrici stqarret illi kienu jmorru jaghmlulha x-xoghol tad-dar kemm certa Lina Baguley u kif ukoll il-mara tat-tifel taghha u li kienet pattitilhom ix-xoghol li ghamlu b'rigali, ma ngabet l-ebda prova tal-entita` tal-istess rigali u ghalhekk l-esponenti ma tistax tasal biex tillikwida ebda danni f'dan ir-rigward.

[2] Dok XYZipprezentat mill-attrici fis-6 ta' Marzu 1997T

"Illi ghalhekk l-esponenti qieghdha tillikwida d-*damnum emergens* fl-ammont ta' **<u>€690.63</u>** ekwivalenti ghal Lm296.48c9.

"***<u>Lucrum cessans</u>***

"Illi fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* gie stabbilit mill-Qrati taghna li mara tad-dar ghandha dritt ghall-kumpens u x-xoghol tad-dar ghandu valur ekonomiku. Dan m'ghandux jitqies li jiswa anqas mill-paga minima nazzjonali (Ara PA GCD Ebejer vs Spiteri 16/12/97; Borg vs Zammit PA NA 22/3/99; Zammit vs Bezzina App 19/9/73; Apap vs Degiorgio App 16/1/84; u Grech vs Briffa PA 21/2/97). Ghalhekk ghall-finijiet tal-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* l-esponenti sejra tiehu bhala qliegh ta' l-attrici s-somma medja ta' €140 fil-gimgha jew €7280 fis-sena. L-esponenti hadet din il-medja stante li l-paga medja nazzjonali sejra tibqa' tizdied filwaqt li l-awment li sar mid-data tal-incident sal-lum kien bejn wiehed u iehor kostanti bi zieda ta' cirka €3.49 – €4.66 fil-gimgha kull sena.

"Illi l-kwistjoni tal-*multiplier* li normalment jintuza bhala mezz biex it-telf ta' qliegh li jinghata d-danneggjat jigi kalkolat, hija wahda li dwarha l-Qrati taghna f'dawn l-ahhar zminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bhala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue -that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the `contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of* ***estimation in the light of the facts*** *of the particular case and of other comparable cases*"[3]

[3] Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), pag. 122

“Illi huwa stabilit li l-*multiplier* ghandu jibda jitqies minn dak inhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi,[4] u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni. Minbarra dan, il-bixra ta’ hsieb wara sentenzi ta’ dawn l-ahhar snin f’dan il-qasam qeghda xxaqleb lejn it-tnehhija ta’ skemi rigidi li jistghu jfixklu l-ghoti ta’ kumpens misthoqq u xieraq gha-cirkostanzi. Wahda minn dawn l-izviluppi hija sewwasew fil-massimu tal-*multiplier*, fejn ghal numru kbir ta’ snin ma tqiesx li seta’ jaqbez l-ghoxrin (20). Ghar-ragunijiet li l-Qorti ghandha tfittex qabel kull haga ohra li tirreintegra kemm jista’ jkun lil dak li jkun garrab hsara,[5] u li terga’ tqieghed lil tali persuna kemm jista’ jkun fl-istat li kienet qabel l-incident[6], illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-eta’ tal-vittma u mhux ma’ kriterji arbitrarji.[7] Illi, applikati dawn il-principji ghall-fatti rizultanti mill-atti tal-kawza, johrog illi l-attrici kellha 45 sena meta sehh l-incident u stante li bhala mara tad-dar ix-xoghol taghha ma jieqafx mas-60 sena, izda billi jrid jigi stabilit limitu, l-esponenti hija tal-fehma illi *multiplier* ta’ 25 sena ikun xieraq f’dan il-kaz.

“Il-grad ta’ debilita` permanenti tal-attrici, skont ir-rapporti medici, hu ta’ 10% f’dak li jirrigwarda hsara psikika[8] u ta’ 12% f’dak li jirrigwarda dizabbilita` permanenti fizika.[9] Illi ghalhekk l-ammont total ta’ debilita` permanenti sofferta mill-attrici jammonta ghal 22% liema grad ta’ inkapacita` jirrispekkja t-telf ta’ indipendenza konsegwenti ghad-danni li l-attrici sofriet kemm fizikament u kemm psikologikament.

“Illi fir-rigward ta’ tnaqqis minhabba l-*lump sum payment* hi gurisprudenza pacifika (“**Joseph Abela –vs- Martin Spagnol**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 30 ta’ Marzu 1993, fost bosta ohrajn) illi ghandu jsir tnaqqis mill-persentagg (20%)

---

[4] App.Civ. 16.11.1983 fil-kawza fl-ismijiet *Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri*
[5] App. Kumm. 26.7.1991 fil-kawza fl-ismijiet *Mary Bugeja noe et vs George Agius et noe*
[6] Kumm. 11.7.1989 fil-kawza fl-ismijiet *Emanuel Agius vs Joseph Galea et noe*
[7] P.A. 15.6.1993 fil-kawza fl-ismijiet *Karen Zimelli vs Michael Sammut* ; P.A. RCP 25.1.2000 fil-kawza fl-ismijiet *Gordon Spiteri vs Waste Control Services* Limited ;u App. Civ. 15.1.2002 fil-kawza fl-ismijiet Carmelo Micallef StJohn et vs Richard Spiteri et
[8] Rapport ta’ Dr. Joseph L. Pisani
[9] Rapport ta’ Mr. Frederick Zammit Maempel li ezamina lill-attrici fl-10 ta’ Jannar 1997

biex jikkumpensa ghad-dewmien tal-proceduri gudizzjarji. Dan hu motivat ukoll mill-fatt li ma hux sallum possibbli li jigi degretat il-hlas ta' l-imghax mid-data li giet kagunata l-hsara (Vide "**Mark Caruana – vs- Grazio sive Horace Camilleri**", Prim' Awla, Qorti Civili per Imhallef Joseph Said Pullicino, 5 ta' Ottubru 1993). Fuq l-istregwa ta' din id-decizjoni il-persentagg ta' 20% ghal *lump sum payment* beda jigi ridott b' rata ta' tnejn fil-mija (2%) kull sena mid-data ta' l-incident sakemm tigi finalment deciza l-kawza.

"Fil-kaz prezenti l-incident sehh fil-21 ta' Lulju 1990. L-attrici ntavolat il-kawza fl-24 ta' Settembru 1992. Din ir-relazzjoni qieghdha tigi ipprezentata fit-3 ta' Gunju 2009 u cioe sbatax-il sena wara. Fic-cirkostanzi u in bazi ghal dak espress fil-precitata sentenza l-esponenti jidhrilha li l-percentagg ta' 20 fil-mija m' ghandux jigi konsiderat bhala tnaqqis ghaliex id-danni ser jinghataw zmien mhux hazin wara li sehh is-sinistru.

"Il-*lucrum cessans* ghandu allura jigi komputat kif gej:-

"Ammont ta' hlas abbazi ta' paga minima: €140x 52
"€7280
"*Multiplier:* 25 sena
"Dizabbilita`: 22%

"Ghaldaqstant ir-rizarciment tad-danni subiti mill-attrici ghal-lezjoni personali ghandhom ikunu s-segwenti:-

"**€7280 x 25 x 22% = <u>€40,040</u>**

"Ghaldaqstant l-esponenti hija tal-umli opinjoni illi din l-Onorabbli Qorti ghandha, prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici is-somma ta' **€40,730.63** in linea ta' danni sofferti minnha b'rizultat tal-incident li sehh fil-21 ta' Lulju 1990 gewwa l-hanut Save-On f'Rahal Gdid."

"Semghet lix-xhieda li gew prodotti, rat il-provi illi tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

“Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

“Rat illi l-atturi irrimettew ruhhom ghar-rapport tal-perit legali, waqt illi l-konvenut, minkejja li inghata zmien xieraq sabiex jipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet, baqa ma ipprezenta l-ebda nota, ma talabx ghall-hatra ta’ periti perizjuri u lanqas ma indenja ruhu b’xi mod jeskuti ir-relazzjoni tal-perit legali, jew ir-rapport tal-perit tekniku, kif lanqas ma eskuta ir-relazzjoni tal-periti medici il-psikjatra Dr Joseph Pisani u l-espert mediku Mr Frederick Zammit Maempel.

“Ikkunsidrat :

“Illi l-Qorti kellha l-okkazjoni u d-dover li tistudja u taghrbel il-provi u r-rizultanzi tal-periti gudizzjarji minnha mahtura u hija konvinta li dawn kollha waslu ghall-konkuzjoni gusta.

“Ghaldaqstant hija qeghda taghmel ir-rapporti kollha tal-esperti minnha mahtura bhala taghha u li ghandhom jitqiesu u jittiehdu bhala formanti parti integrali mill-motivazzjoni u korp ta’ din id-decizjoni.

“Fil-fehma tal-Qorti, l-ammont kif mahdum mill-perit legali huwa wiehed illi jissodisfa pjenament il-kriterju illi ghandhom dejjem jigu ikkunsidrati, id-diversi fatturi gew rapporti konkretament u in parti mahduma fuq progettazzjonijiet futuri.  Il-kejl importanti huwa illi fl-ahhar analizi l-ammont l-likwidat ikun wiehed gust u xieraq, kif inhu fil-kaz odjern.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Francis Gauci li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghogobha:
“thassar u tirrevoka s-Sentenza tal-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili tal-1 ta’ Marzu 2011, billi tichad it-talbiet attrici u tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-esponenti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.”

Rat ir-risposta tal-appell tal-appellati li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessa, talbu li s-sentenza ghandha tigi kkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

L-aggravji tal-appellant huma li (a) ma giex ippruvat li l-appellanti huwa responsabbli ghall-incident ghaliex jghid li l-Qorti qaghdet fuq dak li rraporta l-Perit Tekniku li qaghad fuq ir-ritratti ta’ kif allura kien ir-raff; (b) it-tieni aggravju huwa dwar l-ammont ta’ danni likwidati u (i) senjatment dwar il-*multiplier* uzat li skont l-appellant ma kellux jaqbez l-20 meta fil-fatt inghata 25; u (ii) il-percentaggi tad-dizabbilita` li nghataw rispettivament mir-rapport ortopediku u l-iehor psikjatriku ma kellhomx jinghaddu flimkien izda kellu jigi adoperat il-kuncett ta’ *weighted average.*

Dwar l-ewwel aggravju jinghad li jirrizulta li r-rapport tekniku gie redatt mix-xhieda u mir-ritratti li l-istess kien ra tal-post u f’dan il-kaz ma setghax ikun mod iehor ghaliex meta acceda fuq il-post kien irrizulta li l-post kif kien, kien twaqqa’ u nbena mill-gdid. Pero` dan ma jfissirx li l-perit tekniku ma setghax jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu abbazi tal-provi prodotti li kienu jinkludu wkoll ix-xhieda tal-appellant innifsu u r-ritratti minnu forniti ta’ kif kien ir-raff li kien ceda.

Jirrizulta wkoll li ghal dawk li huma fatti tal-kaz l-istess Perit Tekniku ha l-informazzjoni mix-xhieda tal-Professur Carmelo Pule` li kien imqabbad mill-Magistrat Silvio Meli bhala espert tekniku fl-inkjesta dwar l-akkadut u kien acceda fuq il-post dak in-nhar stess tal-incident u wkoll spjega kif kien mibni l-istess raff (rapport datat 2 ta’ April 2008). Saret ukoll riferenza ghax-xhieda tal-Perit Richard Aquilina li kien hejja l-pjanti fl-istess inkjesta u jirrizulta li dawn l-istess periti taw deskrizzjoni ta’ dak li sabu u raw.

Ma’ dan l-istess Perit Tekniku kkonsidra wkoll ix-xhieda tal-appellant stess u d-dokumenti minnu esebiti, inkluzi ritratti u pjanti nkluz *inter alia* ta’ l-ixkaffar li ghamel huwa

stess, u saret riferenza specifika ghal Dok. “JEV 1” sa Dok. “JEV 3” li juru l-kostruzzjoni ta’ dan ir-raff skont l-appellant stess. Il-konstatazzjonijiet maghmula mill-Perit Tekniku juru li r-raff ma kienx sod bizzejjed sabiex jiflah il-piz li kien ser ikun hemm fuqu, u fuq dan giet ikkonsidrata x-xhieda tal-Professur Carmelo Pule` (fol. 230) u wkoll dik tal-Perit Richard Aquilina (fol. 231) li ndikaw li r-raff ma kienx mibni b’mod professjonali u ma kienx fi stat sew sabiex jaqdi l-funzjonijiet tieghu bla ebda perikolu la ghall-haddiema u lanqas ghall-persuni li jiffrekwentaw l-istess hanut.

Fuq din il-bazi l-Perit Legali kkonkludiet li darba kien l-appellant li bena l-istess raff u dan kien ippjanat hazin skont il-konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku (fol. 232), mela allura l-appellant kellu jinzamm responsabbli ghall-kollass tal-istess raff u tad-danni kkagunati lill-appellata u hawn ukoll qaghdet fuq ix-xhieda ta’ Janice Mizzi, li kienet tahdem fis-supermarket fejn kien hemm ir-raff u dwar dan, din il-Qorti tirreferi ghax-xhieda tal-istess u ghar-rapport peritali.

Dwar l-allegazzjoni msemmija mill-appellant li l-Perit Tekniku ma kkonsidrax is-sottomissjoni tal-appellant li dak li gara sehh minhabba kollass fid-ducting tal-*air-conditioner* li sar minn terzi u mhux kagun ta’ disinn hazin, jinghad li dwar dan l-istess perit tekniku sostna testwalment li l-appellant *“ma ressaq ebda evidenza jew xi hjiel iehor li dak li gara kien rizultat ta’ kollass tal-air conditioning”.*

Din il-Qorti thoss li f’dan l-isfond l-ewwel aggravju ma’ jistax jigi milqugh ghaliex jirrizulta li effettivament l-akkadut sehh minhabba negligenza da parte tal-appellant fid-disinn tal-istess raff. Jirrizulta li dan ir-raff kif kien ma kienx sekur u kien mibni fi stat li kien u baqa’ perikoluz u allura hemm responsabbilita` ta’ dik il-persuna li bniet l-istess raff (**“Annunziato D’Amato et v. Joseph Camilleri et”** A.C. – 3 ta’ Marzu 1958) u l-appellant ma uzax il-prudenza, diligenza u attenzjoni ta’ bonus paterfamilias u b’hekk l-appellant huwa responsabbli ghad-danni kkawzati.

Din il-Qorti tinnota wkoll li ghalkemm f'din l-istanza qed issir kritika lir-rapport tekniku, jirrizulta li fl-ewwel istanza l-appellant lanqas biss eskuta lill-istess Perit Tekniku ( u lanqas dak legali). Lanqas talab in-nomina ta' periti perizjuri u b'hekk ma uzax ir-rimedji li taghtih il-Ligi sabiex, la darba llum qed jghid li ma qabilx ma' dak ir-rapport, jattaka l-istess rizultanzi quddiem il-Qorti tal-ewwel Istanza. Dan irendi l-aggravju tieghu fuq dan il-punt bhala wiehed infondat u mhux accettabbli.

Fl-ahharnett huwa minnu li l-Qorti mhux marbuta mar-rizultanzi teknici, izda sabiex tiskarta l-istess irid ikun hemm ragunijiet serji u allura l-istess konkluzjonijiet teknici ma jistghux jigu skartati b'mod legger jew kapriccozament. Sabiex isir dan il-konkluzjoni taghha trid tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' aspett tekniku fil-materja taht ezami. Dan irid ikun tali li jikkonvinci lill-Qorti li r-relazzjoni teknika ma hijiex gusta u lanqas korretta u mibnija fuq konvinzjoni ben motivata minn gudizzju ben informat anke fuq l-att tekniku[10] B'hekk l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Illi dwar it-tieni aggravju jirrizulta li l-appellata kellha 45 sena meta sehh l-incident u din il-Qorti thoss li l-multiplier adoperat ta' 25 sena huwa accettabbli tenut kont li x-xoghol ta' mara tad-dar ma jispiccax meta hija taghlaq il-65 sena. Fuq dan il-punt din il-Qorti thoss li ma ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fuq dan il-punt, anke ghaliex dan sar fil-parametri tax-xhieda prodotta u wkoll tal-Ligi u l-gurisprudenza fuq dan il-punt[11]. B'hekk dan l-aggravju qed jigi michud.

It-tielet aggravju huwa fis-sens li d-decizjoni ma kellhiex tiehu z-zewg percentaggi ta' dizabbilita`, dak ortopediku

---

[10] (**"Anthony Cauchi v. Carmelo Mercieca"** – A.C. – 6 ta' Ottubru 1999; **"John Saliba v. Joseph Farrugia"** - A.C. – 28 ta' Jannar 2000; **"Sammy Tabone v. Carmel Tabone et"** - A.C. – 5 ta' Ottubru 2001; **"Calleja nomine v. Mifsud"** – A.C. – 19 ta' Novembru 2001; u **"Carmel Gruppetta et v. Paul Azzopardi et"** - P.A. (JZM) – 14 ta' Lulju 2011).

[11] (**"Liliana Farrugia et v. Francis Gauci"** P.A. (AE) – 28 ta' Mejju 2012); **"Jason Mizzi et v. Nikolai Borg Olivier et"** (A.C. – 30 ta' April 2009)

ta' 12% u dak ta' psikjatriku ta' 10% u jigu maghduda flimkien izda kellu jigi adoperat l-ezercizzju ta' *weighted average* li bih il-Qorti tasal ghall-percentagg li jirrifletti effettivament ir-rata ta' dizabbilita` totali.

Illi f'dan il-kaz l-appellant ghandu ragun ghaliex meta tigi komputata d-dizabbilita` totali din trid tigi konsiderata in relazzjoni mal-persuna fizika shiha minghajr ebda prezunzjoni a priori li l-multiplicita` ta' dannu tigi komputata komplessivament. F'kazijiet simili ghandu jittiehed bilanc ibbazat fuq ir-rizultanzi tar-rapporti medici biex tasal sabiex din tkun tista' tirrfletti s-sitwazzjoni reali. Dan ghaliex dak li jrid jigi stabilit mhuwiex il-grad ta' inkapacita` f'sens purament mediku, izda l-effetti li l-hsara personali ghandha fuq il-qliegh tad-danneggjat[12].

M'hemmx dubju li dizabbilita` tista' tkun fizika u wkoll psikika[13] izda l-metodu li ghandu jigi adoperat ghandu jkun dak uzat fid-decizjoni **"Gaspare Xeureb v. Sammy Meilaq et nomine"** (A.C. – 4 ta' Dicembru 1998) u fil-fatt dan il-metodu gie segwit fis-sentenzi **"L-Avukat Dr. Louis Cassar Pullicino nomine v. Angelo Xuereb nomine et"** (A.C. – 20 ta' Frar 2009).

Meta jigi kkonsidrat dan kollu, inkluz ir-rapporti medici, u l-effetti li, b'mod prattiku u psikologiku, il-hsarat jista' jkollhom fuq il-hajja lavorattiva tal-appellata din il-Qorti tasal sabiex fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz li l-appellata kienet gia` effetta minn effetti medico-psikjatrici, u li d-dizabbilita` trid tigi kkonsidrata in relazzjoni mal-persuna fizika shiha[14], din il-Qorti thoss li ghandha tasal sabiex taddotta d-dizabbilita` permanenti ta' 15 % u ghalhekk l-ammont dovut huwa s-segwenti:-

---

[12] (**"Caruana v. Camilleri"** – A.C. – 5 ta' Ottubru 1993); **"Sylvia Degiorgio v. Massimiliano Da Crema"** – P.A. (TM) – 28 ta' Jannar 2004).

[13] (**"Peter Sultana v. Anthony Abela Caruana"** (A.C. – 15 ta' Jannar 2002)

[14] (**"Jonanthan Sant v. Bartolomeo sive Robbie Debono"** (P.A. (TM) – 5 ta' Lulju 2007; **"Josef Farrugia v. Thomas Tanti"** P.A. (TM) – 7 ta' Lulju 2004; **"Paul Bottone et nomine v. Rita Saliba et"** (P.A. (RCP) – 7 ta' Jannar 2003)

€7,280 x 25 x 15% = €27,300 li flimkien mal-€690.83 jammontaw ghal €27,990.83.
B’hekk it-tielet aggravju qed jigi milqugh f’dan is-sens.

Ghalhekk din il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi billi fil-waqt li tichad l-ewwel u t-tieni aggravju, tilqa’ it-tielet aggravju fl-appell maghmul mill-appellanti biss fis-sens hawn deciz, b’dan li qed tirriforma d-decizjoni appellata fl-ismijiet premessi fis-sens li fil-waqt li tikkonfermaha in kwantu laqghet l-ewwel talba attrici u sabet lill-appellanti responsabbli ghall-incident in kwistjoni, tirrevokaha u tvarjaha dwar dak li pprovdiet dwar it-tieni u t-tielet talba attrici f’dawk li huma likwidazzjoni u konsegwenti hlas ta’ danni li l-appellant ghandu jhallas lill-appellata b’dan li abbazi tat-tieni talba qed jigi likwidat l-ammont ta’ sebgha u ghoxrin elf, disa’ mija u disghin Euro u tlieta u tmenin centezmu (€27,990.83.) u ai fini tat-tielet talba qed tikkundanna lill-appellant/konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ sebgha u ghoxrin elf, disa’ mija u disghin Euro u tlieta u tmenin centezmu (€27,990.83.) in linea ta’ danni sofferti minnhom b’rizultat tal-incident li sehh fil-21 ta’ Lulju 1990.

Bl-imghax mid-data tas-sentenza odjerna sal-effettiv pagament u bl-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu kwantu ghal erba’ parti minn hamsa ($^{4}/_{5}$) mill-appellant u parti minn hamsa ($^{1}/_{5}$) mill-appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------